MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2006

Talba Numru. 69/2006

**Victor Balzan**
**vs**
**Sandro Muscat**

Numru
Talba Numru 69/2006

It-Tribunal

Ra l-Avviz prezentat fis-27 ta’ Jannar 2006 li permezz tieghu l-attur talab hlas tas-somma ta’ mija u ghoxrin lira Maltija (Lm120.00) rapprezentanti danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza tal-abbuz ta’ poter da parti tal-konvenut fil-qaghdi ta’ dmirijietu bhala warden.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie notifikat b’l-Avviz naqas li jidher u li jipprezenta risposta ghat-talbiet maghmula.

Ra l-atti u l-verbal ta'l-udjenza mizmuma fi-6 ta' Novembru 2006 meta l-kawza giet differita ghal decizjoni dwar il-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Din il-kwistjoni giet sollevata mill-istess Tribunal.

Ikkunsidra

Mill-atti jirrizulta li t-talba attrici hija wahda ghal-danni allegatament sofferti bhala konsegwenza ta' abbuz ta' poter tal-konvenut fil-qaghdi ta' dmirijietu bhala warden.

Mill-atti jirrizulta ukoll li l-konvenut ma deherx biex jikkontesta t-talba u ma qajjem l-ebda l-ebda eccezzjoni.

Fil-fatt kien it-Tribunal li ssolleva l-inkompetenza tieghu biex jisma u jiddecidi dan il-kaz. Dan, it-Tribunal ghamlu b'applikazzjoni tal-paragrafu (b) ta'l-artikolu 774 tal-Kap 12 tal-Ligijet ta' Malta. Dan il-provvediment ma jaghtix dritt, imma jimponi dover fuq it-Tribunal li jqajjem ex officio l-inkompetenza tieghu *minhabba ix-xorta jew il-valur tal-haga li tkun fil-kwistjoni*.

L-Avviz promotorju jghid hekk:

*Illi fid-19 ta' Lulju 2005 fil-8.55am gewwa Triq Gorg Borg Olivier San Giljan il-konvenut ghogbu jaghtini citazzjoni talli skond hu ghamilt kontravenzjoni ta' sinjal tat-traffiku (ma tistghax tistenna);*

*Illi l-istess konvenut li huwa l-warden number 254 kien jaf li fejn kont ipparkjat kien vjetat il-parkegg biss wara d-9.00am;*

*Illi b'konsegwenza ta' dina c-citazzjoni jien gejt imharrek sa biex nidher quddiem it-Tribunal Lokali ta' Tas-Sliema fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2005 u gejt liberat mill-akkuzi;*

*Illi kawza tal-abbuz da parti tal-konvenut jiena soffrejt danni konsistenti f'telf ta' nofs gurnata xoghol u spejjez legali u dana kif ser nipprova waqt il-kawza.*

*Illi jiena tlabt lill-konvenut ihallas izda baqa inadempjenti*

Fir-realta, u tenut kont tal-premessi li fuqhom hija bazata t-talba attrici, d-determinazzjoni ta’ din it-talba per necessita tinvolvi ezami ta’, u gudizzju fuq, l-agir tal-konvenut fil-qaghdi ta’ dmirijietu bhala warden. Hekk kif tinvolvi ukoll ezami tal-proceduri li nzammu mit-Tribunal Lokali u ta’ x’wassal ghall-liberatorja fil-konfront ta’l-attur.

Jekk dan it-Tribunal kellu jidhol fil-meritu tal-kwistjoni, u jaghmel dan l-ezercizju jkun qed jassumi poteri li m’ghandux u li jmorru ferm oltre dak stabbilit fil-Kap 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jiddikjara li din il-kawza mhiex ta’ kompetenza tieghu u konsegwentement jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri taghha u jordna l-kancellament taghha minn fuq il-lista. Spejjez a karigu ta’ l-atturi

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------